MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### MIRIAM HAYMAN

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2014

Numru. 339/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Ian Abdilla**

**Vs**

**Nazzareno sive Reno Buhagiar detentur tal-karta tal-identita' numru 442470M;**

## Il-Qorti;

Rat l-akkuzi kontra '1 hawn fuq imsemmi **Nazzareno sive Reno Buhagiar**, li gie akkuzat talli, f'Awla 12 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u fi bnadi ohra, fl-1 ta' Marzu, 2004 u dati ohra, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jikrsu

l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

Bil-qerq, holoq jew gieghel jidher illi donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu ‘l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb illi b’hekk din il-persuna tkun tista’ tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta’ reat, u talli ddenunzja lill-pulizija ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, u dan bi ksur tal-Artikolu 110(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, hin, lok, u cirkostanzi, iddenunzja lill-pulizija ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar u dan bi ksur tal-Artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li moqrija l-istess, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati ta’ dawn; kif ukoll illi wara li ntbaghtu l-Artikoli, huwa ma kellu ebda oggezzjoni li jigi sommarjament gudikat.

L-Artikoli jaqraw:

a. Fl-Artikoli 18 u 110(1) tal-Kodici Kriminali;
b. Fl-Artikoli 18 u 110(2) tal-Kodici Kriminali;
c. Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali;
d. Fl-Artikoli 28A sa 28H tal-Kodici Kriminali;
e. Fl-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-provi kollha prodotti.

Fl-ewwel lok ghandu jinghad illi din hija kawza li ilha snin twal biex tigi determinata, dan jew ghax ma deherx l-imputat jew aghar l-Ufficjal Prosekutur.

Il-provi migjuba minn naha tal-Prosekuzzjoni kienu fil-fatt ftit hafna, considerando l-ammont ta’ snin illi hadet biex ghamlet dan.

Semghet ghalhekk lill-**Ispettur Bernard Zarb** (dak iz-zmien). Qal u xehed illi l-imputat kien wehel multa quddiem il-Magistrat Demicoli talli kiser il-copyright, multa ta’ elfejn lira Maltin (Lm2,000.00) li hu baqa’ ma hallasx. Kien ghalhekk illi sar rikors mir-Registratur tal-Qorti ghall-konverzjoni tal-multa, dak iz-zmien is-Sur Miruzzi. Qal illi waqt li f’din is-seduta quddiem il-Magistrat Demicoli, is-Sur Miruzzi beda jispjega x’gara, l-imputat gholla subajgh u talab lill-Magistrat biex jitkellem. Spejga dan li bintu kellha bzonn operazzjoni, illi kien issellef il-flus bl-uzura ghal dan l-iskop u nonostante li bintu kienet l-Isptar, xorta kien spicca vittma tal-uzura, ghalhekk ma setax ihallas. Qal l-Ispettur illi hu dak il-hin ivverbalizza li kien qed jigi a konjizzjoni ta’ dan u kien ser jghaddi ghall-investigazzjoni. Ezebixxa ghalhekk il-verbal tas-seduta datata l-1 ta’ Marzu, 2004, Dok BZ folio 30 (kopja legali ta’ dan giet aktar tard fil-fatt ezebita mis-Sur Paul Miruzzi, Dok PM). Ezebixxa wkoll l-istqarrija rilaxxata mill-istess imputat bhala Dok NB folio 26.

In kontro ezami qal illi l-imputat qatt ma tah xi nformazzjoni ta’ xi isem dwar l-uzuraj.

**PC 515 Matthew Parnis** xehed illi l-impuat fl-Awla tal-Magistrat Demicoli kien spjega li kien issellef elfejn lira Maltin (Lm2,000.00) b’imghaxx gholi hafna, dan biex jaghmel operazzjoni lil bintu. Qal illi fl-Awla kien hemm kemm hu u kif ukoll l-Ispettur Bernard Zarb, u s-Sur Paul Miruzzi u Dr Roberto Montalto. Ikkonferma li kien prezenti

wkoll ghall-istqarrija rilaxxata mill-imputat. Ezebixxa n-notamenti tieghu bhala Dok MP.

**Paul Miruzzi**, dak iz-zmien Assisent Registratur tal-Qorti Kriminali, ezebixxa kif suriferit kopja legali tal-verbal ta' dak illi ssucieda fis-seduta. Gie hawn ippuntwliazzat mill-Avukat Difensur, illi fil-fatt kontrarjament ghal dak illi xehed is-Sur Miruzzi, l-imputat fil-fatt ma kinx ha l-pedana. Ftakar illi fil-fatt il-multa kienet giet konvertita f'habs, pero li ftit wara l-imputat hallasha.

**Connie Azzopardi bhala Deputat Registratur** tal-Magistrat Dr Saviour Demicoli fis-sena 2004, giet murija d-dokument – il-vebal ezebit. Gharfitu bhala wiehed li ttajpjat hija stess u li ghamlet vera kopja tieghu, tant illi gharfet il-firma taghha fuqu.

Aktar tard l-**Ispettur Ian Abdilla** prezenta varji sentenzi in sostenn tar-recidiva – Dok IA datata 26 ta' Jannar, 1988 folio 73; Dok IA1 datata 10 ta' Ottubru, 2000 folio 75; Dok IA2 datata 14 ta' Jannar, 2003 folio 76; Dok IA3 datata 26 ta' Jannar, 2003 folio 78; u Dok IA4 datata 29 ta' Marzu, 2004 folio 81.

Id-Difiza talbet, f'gheluq il-provi tal-Prosekuzzjoni, li jigi redatt Social Inquiry Report. Dan fil-fatt gie prezentat minn **Maryanne Zammit.** Qalet illi f'dawn l-ahhar sentejn (2) l-imputat zamm xoghol stabbli; kellu familja li tissapportjah hafna; u waqaf anke mill-vizzju tad-droga. Xehdet illi kien anke ssottometta ruhu ghal kampjuni tal-urina li taw rizultat fin-negattiv ghas-sustanzi kollha. Ezebiet id-dokument MZ folio 58.

Semghet attentivament zewg trattazzjonijiet fir-rigward ta' din il-kawza. Jinghad ukoll illi fit-tieni trattazzjoni donnu kien hemm anke qbil bejn il-partijiet illi l-imputat ma kinx hati tal-ewwel akkuza. Fil-fatt l-Avukat Difensur donnu anke ried li tigi registrata ammissjoni ghat-tieni akkuza, dan pero ma jistax isir kif gara fit-trattazzjoni, u ammissjoni ghandha tkun cara u inekwivoka u ben mifhuma mill-imputat.

Illi l-imputat gie addebitat bil-ksur tal-Artikolu 110(1) u 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghandhom ragun il-partijiet illi hawn non si tratta ta' reat taht l-Artikolu 110(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu ma nholoq mill-imputat ebda fatt jew cirkostanza li setghu 'l quddiem jingabu bhala prova kontra persuna, anke ghaliex l-imputat qatt ma ndika ebda persuna.

Minn naha l-ohra, certament huwa hati tat-tieni reat taht l-Artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dan meta hu ddenunzja lill-pulizija reat li certament kien jaf illi ma sarx – ghax dan il-fatt huwa qalu biss biex jehles mill-hlas tal-multa, anzi mill-konverzjoni taghha.

Minn harsa lejn l-istqarrija li hu rrilaxxa lill-Ufficjal Prosekutur jirrrizulta car illi huwa, ghax kien qed jibza' u tfixkel skondtu, qal illi l-multa ma kinx hallasha ghax kien qed ihallas self b'imghaxx gholi. Ammetta fl-istqarrija li hu kien qal lill-Magistrat li kien isellef elfejn lira Maltin (Lm2,000.00) u qal illi minghand min isellifhom ried elf lira Maltin (Lm1,000.00) interessi fuq is-somma mislufa. Ikkonferma li hu lill-Magistrat qallu li kienet uzura. Qal illi bil-fixla gol-Qorti kien qed jivvinta kull skuza biex ma jmurx

il-Habs. Ried lill-Qorti jkollha hniena minnu, illi l-Qorti tithassru. Qal illi mhux veru li kien vittma tal-uzura.
Qal illi hu bil-pressure li kien hass kien ha d-Dianxit ta' martu.

Illi l-Qorti fil-fatt, taqbel illi l-imputat ghandu jinstab hati tat-tieni mputazzjoni ai termini tal-Artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll is-sentenzi ezebiti kif ukoll il-verbal tad-Difiza li ezentat lill-Ufficjal Prosekutur milli jtella' provi dwar l-identita' tar-recidiva, u dan wara li rat l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-ksur taht l-Artikoli 28A – 28B, jidher illi s-sentenza sospiza giet in operat bis-sentenza tas-26 ta' Jannar, 1998.

Dwar il-ksur tal-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, dan ma jirrizultax mis-sentenzi ezebiti, allura l-Qorti mhix ser tiehu konjizzjoni ta' dan.

Dwar il-piena, rat ghalhekk l-Artikoli 110(2), u 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Qieset dak li xehdet l-Ufficjal tal-Probation dwar il-progress kbir illi ghamel l-imputat; anke dak illi qalet l-istess Ufficjal – illi Nazzareno Buhagiar jidher li ghamel progressi kbar.

Ghaldaqstant qieghda tapplika fil-konfront tieghu l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal perjodu ta' tlitt (3) snin, b'dan illi Nazzareno Buhagiar ghandu jsegwi b'mod skrupoluz kull direzzjoni lilu moghtija mill-Ufficjal tal-Probation appozitament mahtur, b'mod specjali fejn jirrigwardja x-xoghol;

B’dan illi l-Ufficjal tal-Probation ghandu, f’kaz ta’ andament negattiv, jaghmel rapport immedjat lill-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------